

# Id-dinja li qiegħda tinbidel



**Ryan Micallef**
*Membru, Kummissjoni Banda u Kor*

Għat-tieni sena konsekuttiva ser nerġgħu niċċelebraw il-festa tagħna b'mod differenti ħafna minn kif imdorrijin niċċelebrawha s-soltu. Naturalment, dan ma jnaqqasx l-istennija għall-festa għaliex din hija data importanti ħafna fil-kalendarju tagħna.

Bħal ħafna soċjetajiet oħra, is-sehem tal-banda kif ukoll tal-kor naqas f'diversi attivitajiet li l-għaqda kienet ittella' annwalment, bħal ngħidu aħna l-programm tal-Milied u ta' Ħadd il-Palm. Naturalment, attivitajiet bħal dawn jinvolvu ħafna u ħafna xogħol, kemm għall-banda u l-kor, kif ukoll għall-Kummissjoni, però xogħol li jagħmlek kburi li kont parti minnu meta tara r-rispons u l-konkorrenza tan-nies. Nittamaw li fil-futur qrib ħafna nkunu nistgħu nerġgħu nibdew ntellgħu dawn l-attivitajiet għall-komunità Melleħija u għal ħafna emigranti Melleħin li avolja ma jgħixux hawn Malta, isegwu dawn l-attivitajiet online.

Madanakollu, hu ta' sodisfazzjon kbir li tara kif fi żmien daqshekk diffiċli għal kulħadd, is-sehem tagħna fil-każin ma naqasx, dejjem skont ir-restrizzjonijiet maħruġa mid-Direttorat tas-Saħħa. Fil-fatt, fil-festa tas-sena l-oħra, il-banda daqqet xi marċi brijużi u l-innu lil Maria Bambina minn fuq il-bejt tal-każin fil-ġranet tal-festa biex filwaqt li min kien fl-inħawi tal-pjazza seta' jismagħna, min kien ġewwa daru jew barra minn Malta seta jsegwina online. Iżjed tard matul is-sena, il-Kor Imperial ħa sehem f'Jum it-Tifkira' fejn fiha nfakkru l-memorja ta' sħabna li rħewlha għal ħajja aħjar. Hekk kif beda jaqleb it-temp, il-banda setgħet terġa' tibda bil-kunċerti ta' kull ġimgħa fuq il-bejt tal-każin biex filwaqt li nkomplu nitgħallmu u nipperfezzjonaw, inżommu l-banda ħajja xorta waħda. L-istess il-kor, li meta is-sitwazzjoni ppermettiet, beda jiltaqa' fuq bażi regolari għall-provi tiegħu.

Filwaqt li nħeġġeġ ħafna lin-nies biex ikomplu jsegwu x-xogħol ristrett tal-banda u l-kor, nagħlaq billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kummissjoni Banda u Kor tax-xogħol kollu li jsir matul is-sena, kif ukoll lill-bandisti u lill-membri tal-kor kollha għad-dedikazzjoni tagħhom.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Viva Marija Bambina!

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA
Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial





# IFFRANKA IŻJED BIL-KARTA ANZJAN!

**KELLEM LILL-*CUSTOMER CARE* GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI**




60+

*Il-festa t-tajba!*

# valyou

SUPERMARKETS

*your home for fresh*



**NAXXAR OPENING HOURS**
**DAILY** 7.30AM - 8.00PM
**FRIDAYS** 7.30AM - 9.00PM
**SATURDAYS** 7.30AM - 8.00PM
**SUNDAYS** 9.00AM - 5.00PM

**MELLIEHA OPENING HOURS**
**DAILY** 7.30AM - 8.00PM
**SATURDAYS** 7.00AM - 8.00PM
**SUNDAYS** 8.00AM - 6.00PM

**PENDERGARDENS OPENING HOURS**
**DAILY** 8.30AM - 10.00PM
**SUNDAYS** 9.00AM - 9.00PM

/ValyouSupermarkets

valyou.com.mt